# Kulma Għandu Rabta mal-Knisja f'Ħaż-Żebbuġ ta' l-1747



**Kitba ta' Alexander Bonnici OFM Conv.**

Fl-istruttura ta' raħal mill-kbar ta' Malta, Ħaż-Żebbuġ ta' 257 sena ilu kellu xebħ ma' dak ta' żmienna, jekk inħarsu lejn il-ħajja nisranija tiegħu. Waqt li naraw raħal nisrani, hemm kulma nsibu fi żmienna imma f'sitwazzjoni differenti. Il-Knisja kienet b'għajnejha miftuħa iżjed fuq dak li jsir. In-nies kienu marbutin iżjed mal-Knisja. F'ċirkostanzi li jixbħu lil tagħna, il-kontoll kien akbar. Hawn se nġibu quddiem għajnejna s-sena 1747. Matulha, bejn it-13 u s-17 ta' Ottubru, isqof ta' Malta li kien Franċiż, żar dan ir-raħal flimkien ma' qassisin oħrajn li ħadhom miegħu biex jgħinuh. Kien jismu Mons. Pawlu Alpheran de Bussan. Hu ħa impressjoni tajba ta' Ħaż-Żebbuġ. Imma ma kinitx viżta pastorali superfiċjali. Hu eżamina kollox bir-reqqa, u sab xi ftit osservazzjonijiet x'jagħmel.



## San Filep ta' Aġira: Il-Patrun

Lil San Filep, iż-Żebbuġin kien ilhom żmien iqisuh bħala l-qaddis patrun. Dwar il-festa esterna, ma nafu xejn. Imma l-festa interna kienet waħda solenni.

Il-*Veneranda Lampada*, jiġifieri l-amministrazzjoni tal-Knisja, kienet tieħu ħsieb torganizza l-festa tal-qaddis patrun u tħallas għall-ispejjeż li kienu jiltaqgħu. Naqraw li l-festa kienet tiġi ċċelebrata b'solennità kbira. Kienet tkun fit-12 ta' Mejju. Kienu jitkantaw iż-żewġ għosrien u ssir quddiesa kantata. Kienu jinġiebu kantanti minn postijiet oħrjan. Kienu jiġbruhom bil-karozzelli, u jieħdu ħsieb jipprovulhom x'jieklu u fejn jorqdu bejn lejlet u nhar il-festa.[1]

Kien għad fadal ftit iżjed minn mitt sena biex tasal l-istatwa titulari tal-fidda li ssaħħar lil kulħadd. Din waslet fl-1863. Imma kellhom relikwa li huma kienu jgħożżuha ħafna. Kienet tinżamm f'relikwarju tal-fidda. Fuq in-naħa ta' wara tar-relikwarju, tqiegħdet iskrizzjoni bil-Latin. Bil-Malti, din tfisser: *L-għadma li hawn int tqiegħed tqim hi mid-driegħ ta' San Filep ta' Aġira. Ir-relikwa flimkien mar-relikwarju ġew irregalati lill-parroċċa tal-belt ta' Ħaż-Żebbuġ mill-Gran Mastru Fra Anton Manoel de Vilhena*. Ir-relikwa kienet bis-siġill u rreġistrata bħala awtentika fil-Kurja l-Kbira ta' l-Isqof ta' Malta bid-data tat-13 ta' Novembru, 1723.[2]

Nhar San Filep, kienet issir purċissjoni li fiha ċ-ċelebrant kien iżomm f'idejh dik ir-relikwa ta' San Filep.[3] Fil-purċissjoni titulari

u fl-oħrajn kollha li kienu jsiru fil-parroċċa kienu jikkumpanjaw il-ħafna qassisin tal-parroċċa flimkien ma' dawk kollha li kienu kjerċi. Kienu jieħdu sehem anke l-fratelli tal-fratellanzi tal-parroċċa. Dawn kienu għall-irġiel. Għalhekk, huma kienu jilbsu l-konfratija. Kienu jimxu fil-parti ta' quddiem. Imma, imbagħad, kien hemm ukoll xi assoċjazzjonijiet, li kienu kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Dawn kienu jikkumpanjaw wara r-relikwa.[4]


*Il-kappella tal-Grazzja*

## Lajċi Terzjarji, Sagristani, u Qabla

F'Ħaż-Żebbuġ ta' dak iż-żmien, skond l-istatistika li saret mill-kappillan fi żmien l-Għid ta' dik is-sena, il-popolazzjoni kienet twassal għal 3,700 ruħ.[5] Meta jmorru għal xi funzjoni jew xi quddiesa, post il-lajċi kollha kien fil-knisja. Fil-kor ma' kellu jidħol ħadd minn fost il-lajċi.[6]

Bħal fi żmienna, it-tfal kienu jistennew li jiġu approvati biex jirċievu s-*sagrament tal-Konfermazzjoni* (il-Griżma ta' l-Isqof). Ħadd ħlief l-isqof ma kien jamministrah f'dak iż-żmien. Kienu jirċievu dan is-sagrament qabel l-Ewwel Tqarbina. Il-familji kienu jkunu kbar ħafna. Xejn ma kien rari f'dak iż-żmien li familja jkollha xi tnax-il tifel u tifla, u kemm-il darba kienu iżjed. Ma' dawn iridu jiżdiedu dawk li kienu jmutu trabi. Ġieli kien ikollhom xi qraba oħra li jkunu mietu. Il-kobor tal-familji jidher mill-fatt li meta l-Isqof Alpheran mar f'Ħaż-Żebbuġ biex jibda l-viżta pastorali, hu beda proprju bil-Griżma. Imlew il-knisja billi resqulu għall-Griżma 752 persuna. Kif wieħed jistenna, ħafna kienu tfal; imma kien hemm fosthom dawk ta' età adulta. Ir-relazzjoni tal-viżta fiha li dakinhar l-isqof spiċċa b'għejja kbira fuqu, kif wieħed jistenna. Kif temm l-amministrazzjoni ta' dak is-sagrament, hu mar minnufih fid-dar tal-kappillan ħalli jistrieħ.[7]

Xi lajċi kellhom rabtiet pjuttost kbar mal-Knisja. Iż-żmien, xi nisa kienu jkunu *terzjarji* ta' Ordnijiet reliġjużi. Kien hemm id-drawwa li dawn jilbsu ta' terzjarji anke meta joħorġu barra minn djarhom. Quddiem in-nies kienu jidhru qishom xi sorijiet. Imma kienmeħtieġ li huma jkollhom il-permess biex iġibu dak l-ilbies fuqhom. Għalhekk, il-ħmistax li kien hemm f'Ħaż-Żebbuġ ippreżentaw ruħhom quddiem l-isqof, u urewh li kellhom il-fakoltà li jilbsu ta' terzjarji. Sebgħa minnhom kienu ta' l-Ordni Karmelitan waqt li tmienja kienu ta' l-Ordni Kapuċċin. Insibu wkoll l-ismijiet tagħhom.[8]

Kien hemm bżonn ta' l-approvazzjoni ta' l-isqof anke għal dawk li kienu jieħdu ħsieb xi knisja jew jagħmluha ta' *sagristani*. Dawn kien ikollhom xi kitba mogħtija lilhom mill-awtoritajiet tal-Knisja. F'Ħaż-Żebbuġ, kien hemm erbgħa minn dawn. Pawlu Cachia kien għall-parroċċa. Ġanni Damato kien għall-knisja tal-Lunzjata. Fabio Casha kien għal Santu Rokku. Manuzju Schembri kien għall-Madonna tad-Dawl.

*Qabla* wkoll kellha bżonn ta' l-approvazzjoni ta' l-isqof. Ir-raġuni kienet għaliex dik il-mara li tgħin fit-twelid ta' tarbija kien meħtieġ li tkun taf kif tgħammed jekk jinqala' l-bżonn. F'Ħaż-Żebbuġ kien hemm tnejn li l-isqof sab li ma kienu jafu xejn. Għalhekk, kien meħtieġ li jkun hemm min jgħallimhom.[9]

## Il-Qassisin



*Il-kappella tad-Duluri*

Il-*kappillan* kien Dun Ġużepp-Marku Azzopardi. Kellu jgħinuh fis-servizzi tal-parroċċa jew ta' xi waħda mid-disa' knejjes tal-parroċċa 62 saċerdot. Hu numru li ma jittwemminx għall-popolazzjoni ta' 3,700 ruħ.[10]

Wieħed minnhom, li kien Dun Salv Pace, kien jgħallem is-seminarju.[11] Ieħor kien jgħallem lit-tfal f'Ħaż-Żebbuġ stess. Dan, li kien Dun Mario Chircop, resaq quddiem l-isqof, u urieh il-permess li kellu li jgħallem il-grammatika. Kien inħariġlu fit-3 ta' Ottubru, 1733.[12]

Il-qassisin kollha ġew eżamminati biex l-isqof ikun jaf jekk kienux jafu tajjeb iċ-ċerimonja tal-quddies. Kollha ġew approvati. Imma wieħed minnhom, li kien Dun Salv Muscat, ġie mwissi li s-slaleb li jagħmel waqt il-quddiesa ma kellux jagħmilhom b'mod imferfex.[13]



*Il-kappella ta' S. Marija ta' Ħal Muxi*

L-isqof wissiehom biex huma, flimkien mal-kjerċi kollha, imorru għall-kant tal-Litanija tal-Madonna, kull nhar ta' Sibt. Fil-Ħdud u l-festi kmandati, ma kellhomx jonqsu biex imorru l-knisja għar-reċta tat-*Terza* – li llum ngħidulha t-*Talba ta' Nofs il-Jum*. Imorru wkoll għall-quddiesa u għall-għasar li kienu jitkantaw. Kellhom jieħdu sehem fil-purċissjonijiet kollha. X'uħud kienu jkunu mar-raħal waqt li oħrajn kienu jkunu fil-knisja stess. Jissemmew il-purċissjonijiet ta' San Mark, ir-Rogazzjnijiet, il-festa ta' San Filep, dik ta' *Korpus*, u tal-Madonna tar-Rużarju. Oħrajn żgħar kienu jkunu fl-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar. Waqt dawn is-servizzi, huma kienu jilbsu s-suttana u l-ispellizza, u f'rashom ixiddu l-berrettin.[14]

L-obbligu li jisimgħu l-quddiesa kien għalihom kollha. F'dak iż-żmien, meta ma kienx hawn il-konċelebrazzjoni, ma kinitx ħaġa faċli li dawk il-qassisin kollha jqaddsu kuljum. Barra minn hekk, fi żmien ta' faqar, ma kienx possibbli li huma jsibu min jagħtihom elemożna tal-quddiesa għal kuljum. Għal x'uħud, kienet l-uniku dħul tagħhom. Fil-knejjes, kien iqaddes min imissu. Kien hemm ukoll dawk li ma kinux iqaddsu, imma xi ħadd kien jagħtihom l-elemożna biex iqaddsulu quddiesa għal xi ħadd. Dawn kienu jfittxu lil xi ħadd li ried iqaddes u ma kellux l-elemożna. Huma jiftiehmu miegħu biex jagħtuh nofs l-elemożna u n-nofs l-ieħor iżommuh huma. L-isqof ħadha bl-aħrax kontra dawn. Lilhom heddidhom bis-sospensjoni. Akkużahom b'simonija għax dak ma jixraqx għal saċerdot. Kienet bħall-kummerċ minn ħaġa sagra.[15]

## Il-Kjerċi Li Jistgħu Jiżżewġu

Il-kjerċi kienu jibdew billi jirċievu t-tonsura, u mbagħad jibqgħu sejrin bl-

Ordnijiet Minuri, u jkomplu għal saċerdoti. Minn dawn f'dak iż-żmien, f'Ħaż-Żebbuġ kien hemm erbgħa.[16]

Fit-tieni ġurnata tal-vista tiegħu, tressqu għaxar żagħżugħ quddiem l-isqof biex jirċievu t-tonsura klerikali, biex biha jibdew it-triq ħalli jsiru saċerdoti. Dawn, li kienu l-futur tal-parroċċa, kienu kollha minn Ħaż-Żebbuġ.[17]

Imbagħad f'Malta kien hawn id-drawwa li, skond id-diskrizzjoni ta' l-isqof, it-tonsura tingħata lill-persuni li ma kien ikollhom l-ebda ħsieb li jsiru saċerdoti. Kemm-il darba kienu jkunu diġà żżewġu, u jkollhom it-tfal. Id-drawwa kienet ikkundannata mill-Knisja; imma f'Malta damet ma nqatgħet. F'Ħaż-Żebbuġ, kien hemm sebgħa minn dawn. Wieħed minnhom, li kien jismu Ġakbu Briffa, kien tabib.[18]


*Il-kappella tad-Dawl*

## Disa' Knejjes Filjali

Il-knejjes filjali ta' Ħaż-Żebbuġ kienu disgħa. Jissejħu *filjali* għax il-kappillan tal-parroċċa kien responsabbli għalihom. Il-qassis li jieħu ħsiebhom kien jitqiegħed minnu u kien jgħasses fuqu biex il-ħidma pastorali fihom timxi tajjeb. X'uħud minnhom kienu fil-qalba tar-raħal. Oħrajn kien 'il barra miċ-ċentru abitat.

L-Isqof Alpheran mar iżur dawk id-disgħa li kien hemm f'Ħaż-Żebbuġ. Kienu dawn:

1) Il-knisja ta' l-*Assunzjoni tal-Verġni Marija*, imsejħa *Ta' Mamo*
2) Il-knisja ta' *Santu Rokku*
3) Il-knisja tal-*Kunċizzjoni tal-Verġni Marija*
4) Knisja oħra f'ġieħ l-*Assunzjoni tal-Verġni Mbierka* f'Ħal Muxi
5) Il-Knisja tal-*Madonna tal-Grazzja*
6) Il-knisja f'ġieħ l-*Annunzjazzjoni tal-Verġni Mbierka*
7) Il-knisja fil-kampanja f'ġieħ il-*Viżitazzjoni tal-Verġni Mbierka* f'*Ta' Qirda*
8) Il-knisja tal-*Verġni Mbierka tad-Dawl*, fiċ-ċentru tar-raħal, imsejħa *Ta' Nardu*
9) Il-knisja tas-*Seba' Duluri tal-Verġni Marija*, li tqies li kienet bażilika affiljata mal-Lateran f'Ruma.[19]

Din hi ġabra pjuttost kompleta ta' dak li kien sar f'dik il-viżta pastorali f'Ħaż-Żebbuġ, mill-Isqof Alpheran de Bussan. Imma d-deskrizzjoni ta' kull aspett tiegħu fit-tul ħafna. Ikun meħtieġ ktejjeb biex jinkiteb kulma fiha l-viżta. Imma l-argument li fiha missejniehom kollha. Għalhekk, minn dan li nkiteb, nieħdu idea ċara tal-ħajja nisranija f'Ħaż-Żebbuġ ta' dak iż-żmien.

**Referenzi**


1 MCM, AXM, 191, *Misc.*, f.132r.
2 *Ibid.*, ff.130v.-131r.
3 *Ibid.*, f.132r.
4 *Ibid.*
5 *Ibid.*, f.163r.
6 *Ibid.*, f.164v.
7 *Ibid.*, f.131r.
8 *Ibid.*, f.162r-v.
9 *Ibid.*, f.162v.
10 *Ibid.*, ff.158v-159v.
11 *Ibid.*, f.159v.
12 *Ibid.*, f.162v.
13 *Ibid.*, ff.159v-162r.
14 *Ibid.*, f.163v.
15 *Ibid.*, ff.163v-164r.
16 *Ibid.*, f.159v.
17 *Ibid.*, f.132r.
18 *Ibid.*, f.159v.
19 *Ibid.*, ff.146v-158r.